MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 236/2007

Lucy Busuttil
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

Illi hi twieldet fit-12 ta’ Awissu 1952 u dana kif jirrizulta fl-Att tat-Twelid anness mar-rikors u markat bhala dokument A fejn jirrizulta li isimha gie moghti bhala Lucy.

Illi r-rikorrenti zzewget fid-9 ta’ Gunju 1974 lil Francis maghruf bhala Frank Busuttil u dana kif jirrizulta fl-Att taz-Zwieg anness mar-rikors u mmarkat bhala dokument B.

Illi fl-Att taz-Zwieg, b’mod erroneju, isem ir-rikorrenti gie mnizzel bhala Louise minnflok Lucy u dana jidher minhabba l-fatt li t-tieni isem tar-rikorrenti huwa Louise kif

jidher mic-Certifikat tal-Maghmudija anness mar-rikors u markat bhala dokument C.

Illi dan l-izball qieghed iqajjem problemi mar-ragel tar-rikorrenti meta huwa mar sabiex japplika ghall-pensjoni u ghalhekk kien qieghed isir dan ir-rikors.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li isem ir-rikorrenti gie mnizzel erronjament bhala Louise minnflok Lucy kif hemm indikat fl-att tat-twelid taghha.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jissostitwixxi l-isem Louise bl-isem Lucy fl-att taz-zwieg li jgib in-numru 1579 tas-sena 1974.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

1. Illi l-intimat ma’ kienx qed joggezzjona ghat-talba kif dedotta fir-rikors gurmentat.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost l-intimat irrivela li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna ma kenitx attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ma kelux ibati l-ispejjez tal-kawza stante li d-dikjarant fuq Att ta’ l-Istat Civili huwa obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li jiddikjara u jiffirma ghaliha hija korretta.

3. Illi kellha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Lucy Busuttil fejn issemma li hi twieldet fit-12 ta' Awissu 1952 u giet moghtija l-isem ta' Lucy minn missierha Carmel Gatt. Hi kienet giet mghammda fil-Parocca tal-Madonna tas-Sacro Cuor u kienet giet moghtija l-ismijiet Lucy, Louise, Maria Helena. Illi meta kienet izzewget fid-9 ta' Gunju 1974 gewwa l-Parrocca tal-Madonna tas-Sacro Cuor, jidher li bi zball, fuq l-att taz-zwieg, minnflok ma tnizzel isimha bhala Lucy, gie mnizzel l-isem Louise li huwa t-tieni isem taghha. Illi ghalhekk hi kienet qedgha titlob li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret a tenur tal-Kap 16 artikolu 254 kif jidher a fol 15 tal-process.

Li gara f'din il-kawza hija li meta Lucy Busuttil izzewget fid-9 ta' Gunju 1974, ghal xi raguni, b'mod erroneju l-isem taghha gie mnizzel bhala Louise minnflok Lucy, li huwa t-tieni isem taghha.

L-istess intimat ma oggezzjonax ghall-korrezzjoni kif dedotta fir-rikors u t-talba tidher gustifikata.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Peress li t-talba hija gustifikata tiddikjara li isem ir-rikorrenti gie mnizzel erronjament bhala Louise minnflok Lucy kif hemm indikat fl-att tat-twelid taghha.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jissostitwixxi l-isem Louise bl-isem Lucy fl-att taz-zwieg li jgib in-numru 1579 tas-sena 1974.

Tordna l-komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------